MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1697/2002

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Ashraf Ahmed**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u disgha u tmenin lira Maltija (Lm189.00), in kwantu ghas-somma ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm175.00) import ta' seba' kambjali annessi mal-avviz u mmarkati Dok.1,2,3,4,5,6, u 7 u lid-data tal-maturita' taghhom skadiet, u in kwantu ghas-somma ta' erbatax-il lira Maltija (Lm14.00) bhala imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq l-istess ammont;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-lum sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta’ Dr. John Buttigieg ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u disgha u tmenin lira Maltija (Lm189.00) bl-imghax legali mill-11 ta’ Lulju, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**